**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' April, 2018

Rikors Nru : 457/17AL

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fil-21 ta` Lulju tas-sena elf disa` mija u tlieta u sebghin (1973) (Ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg twieled tifel li illum ghandu 'l-fuq minn erbghin sena;

Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta` kuntratt redatt minn Nutar Dottor Pierre Attard fit-2 ta` April tas-sena 1996 (Ara Dok. B);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati legalment ghal fuq minn ghoxrin (20) sena, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda kwistjoni ta` manteniment stante l-partijiet kienu ddekadu reciprokament skond klawzola 2 tal-kuntratt tas-separazzjoni;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat C B li permezz taghha ecepixxa :

Illi l-esponenti ghadu kemm sar jaf bil-proceduri *de quo* illi gew istitwiti mill-mara tieghu A B, li ai termini taghhom qed titlob lil din l-Qorti sabiex fost affarijiet ohra tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejniethom;

Illi fl-ewwel lok, ghal kull buon fini l-esponenti qed jaghti ruhu b'notifikat bir-rikors promutur tal-mara tieghu stante illi ghadu ma giex notifikat bl-istess b'mod ufficjali, w jirrispondi ghaliha bil-mod segwenti:

Illi l-esponenti ma jopponix ghat-talbiet tar-rikorrenti A B, b'dan illi izda ma ghandu jinkorri ebda spejjez ghall-proceduri *de quo*, li ghandhom ikunu kollha a karigu tar-rikorrenti A B.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' April 1996;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.